Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 190/2016

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Joseph Bonnett

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat James Agius detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 304478 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-12 t'April, 2013 ghal habta ta' tmienja neqsin ghaxra ta' filghaxija (19:50hrs) fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid:-

1. waddab mishun lejn CO127 Jason Farrugia, persuna inkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' CO127 Jason Farrugia;

3. U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi Sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema Sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-hati ai termini tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' Artikoli 31, 33A, 49, 50, 95(1), 217 u 221 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet billi sabet lill-imputat JOSEPH BONNETT hati tal-ewwel zewg akkuzi u filwaqt li ikkundannatu ihallas multa ta' elf Ewro (€1000) ai fini tal-ewwel (1) akkuza, ikkundannatu ghal erba' (4) xhur prigunerija ai fini tat-tieni (2) akkuza, stante l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9. Iddikjarat inoltre li ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza, u cioe' dik tar-recidiva, w ghaldaqstant illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Bonnett, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 t' April, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan 1-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u minnha illiberatu cjoe tat-tielet (3) il-imputazzjoni.

(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati cjoe tal-ewwel (1) u t-tieni (2) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Bonnett huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi kif se jirrizulta waqt il-mori tal-Appell, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u 1-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat Ii per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jigi relevat Ii l-esponent qatt ma kellu l-intenzjoni li jwegga lil Gwardjan. L-esponent kemm fI-istqarrija rilaxxata lil pulizija, kif ukoll fix-xhieda tieghu irrakonta fid-dettal x'wassal ghal dan I-incident. L-esponent dejjem insista Ii huwa xehet l-ilma fietel Iejn il-gwardjan lokali sforz tal-frustrazzjoni li kien jinsab fiha. L-esponent dejjem insista Ii l-ilma kien fietel u mhux jahraq. Minn naha l-ohra Co 127, Jason Farrugia dejjem sostna li l-esponent xehetlu l-mishun.

Bl-akbar rispett il-provi producibili mill-Prosekuzzjoni jippuntaw lejn direzzjoni wahda u cjoe li l-verzjoni tal-esponent ghandha iktar mis-sewwa mill-verzjoni ta' CO 127 Jason Farrugia.

Ic-certifikat mediku jindika Ii l-harqa kienet wahda superficjali. Co 127 Jason Farrugia ma ha 1-ebda trattament sabiex jikkura l-harqa. Dak il-hin stess iI-Gwardjan mar jaghmel rapport gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid u l-ghada l-istess Gwardjan irraporta ghax-xoghol.

Il-Provi producibili mill-Prosekuzzjoni jippuntaw lejn direzzjoni wahda li l-verzjoni tal-esponenti hija veritiera. Fil-mument li huwa xehet l-ilma fietel, huwa m'ghamilx hekk sabiex u bl-intenzjoni Ii jwegga lil esponent, izda huwa xehet l-ilma fietel sforz tal-frustrazzjoni u sforz tad-dispjacir tieghu minhabba l-mod xejn innuman li huwa kien qieghed jigi ttrattat. L-esponent fl-ebda mument ma kellu l-intenzjoni li b'dak l-ilma fietel huwa ried iwegga' lil Co 127, Jason Farrugia.
Bl-akbar rispett l-element intenzjonali ma jissussistix.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti isejjes l-appell tieghu mid-decizjoni impunjata fuq zewg lanjanzi, l-ewwel wahda meta jilmenta illi l-provi li hemm fl-atti ma iwasslux sabiex jissodisfaw il-vot ta'l-elementi mehtiega sabiex jissusti ir-reat tal-oltragg lill-ufficjal pubbliku u fit-tieni lok meta jishaq illi huwa ma kellux l-intenzjoni li iwegga' lill-ufficjal tal-habs Farrugia meta waddabblu tazza bil-mishun fid-direzzjoni tieghu.

Issa l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata ghamlet esposizzjoni fil-fond mhux biss ta'l-aspetti legali li isawwru ir-reati addebitati lill-appellanti, b'mod ewlieni ir-reat ta' oltragg lill-ufficjal pubbliku, izda ezaminat ukoll bir-reqqa l-provi kollha li kellha quddiemha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rilevanti ghal kaz in dizamina dak mghallem mill-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Illi huwa indubitat illi is-CO 127 kien qieghed fuq il-lant tax-xoghol tieghu meta ordna lill-appellanti inaddaf ic-cella tieghu. Dan ta'l-ahhar dehrlu illi ma kellux jaghmel dak li gie ordnat lilu. Seta' kellu ragun ghal dina l-oggezzjoni l-appellanti, izda f'ambjent ta' habs fejn l-ordni u id-dixxiplina hija tant importanti l-attitudni tieghu kellha effett akbar sabiex wasslet ghal dak it-turbament li isemmu l-awturi su-iccitati. Kwindi l-azzjoni maghmula mill-appellanti, li ighid car u tond fix-xhieda tieghu illi hassu li kellu jiribella ghall-attitudni li biha kien qed jigi ittrattat mill-ufficjal u allura appozitament u koxxentement tefa' tazza tal-mishun fid-direzzjoni tieghu, ma tistax hlief tinkwadra ruhha f'dak l-oltragg, f'dik l-offiza li isemmi l-artikolu 95. Ma hemmx dubbju allura li hemm prova cara u irribatibbli tan-*nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika li iwassal ghall-effett li jitkellem dwaru l-artikolu 95 u cioe' illi johloq it-turbament fil-qadi ta' dik il-funzjoni pubblika.

Issa fit-tieni gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti, l-appellanti jishaq illi l-element formali ma giex ippruvat billi ighid illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li iwegga lil ufficjal Farrugia, izda biss li iwiegeb ghall-aggressjoni subita minnu minn taht idejn l-istess ufficjal. Issa l-appellanti ma jindikax jekk dan l-aggravvju huwiex marbuta mal-ewwel akkuza li jikkontempla ir-reat imfisser fl-artikolu 95 jew inkella r-reat tal-offiza hafifa li jitkellem dwaru l-artikolu 221 tal-Kap.9. Dan ghaliex f'dawn iz-zewg reati l-element formali huwa kemmxejn differenti bl-ewwel reat ftit li xejn tiswa l-intenzjoni o meno fl-appellanti li iwegga lill-ufficjal Farrugia billi f'dak ir-reat kif inghad l-element formali idur madwar l-intenzjoni li johloq it-turbament fil-qadi tal-funzjonijiet tal-ufficjal pubbliku. Illi dwar l-*mens rea* mehtieg ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 221, imbaghad huwa necessarju li tigi ippruvata l-intenzjoni generika tal-awtur tad-delitt li jikkaguna xi forma ta' lezjoni. Billi

allura l-aggravvju gie redatt b'mod konfuzjonarju minghajr ma jigi indikat lejn liema wahda mill-akkuzi huwa dirett, din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn toqghod tara hi x'kien il-hsieb ta'l-appellant meta fassal dina l-lanjanza. Kif inghad jekk dan kien dirett lejn l-ewwel akkuza, ma hemmx dubbju illi l-aggravvju huwa minghajr ebda bazi legali u guridiku. Izda anke jekk huwa dirett lejn it-tieni akkuza, huwa xortawahda insostenibbli billi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mir-ragjonament milhuq mill-Ewwel Qorti li kellha okkazzjoni anke tisma lill-appellanti jixhed. Illi huwa indubitat illi ir-reazzjoni ta'l-appellanti ghall-ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Farrugia, kienet wahda ta' aggressjoni, fejn gie mitfuh likwidu shun intenzjonalment fid-direzzjoni tal-Ufficjal. Ma jistax ighid l-appellant illi b'tali agir l-intenzjoni ma kenitx wahda generika li johloq xi lezjoni, liema lezjoni giet anke iccertifikata minn tabib bhala wahda kombatibbli ma harqa hafifa. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina lanjanza imressqa mill-appellanti dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kellha tkun wahda iktar ekwa ghar-reati lilu addebitati. Illi huwa indubitat illi l-akkuza li tikkontempla l-offiza ta' natura hafifa, fiha l-elementi kostituttivi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 u allura kellha tigi erogata il-piena ghar-reat l-iktar gravi bir-reat l-iehor ikun kompriz u involut fir-reat l-iktar gravi. Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889:

"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle,***

***first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi, iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[1]"

Kif gie deciz b'analogija mal-att ta'l-akkuza:

"**Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. ... Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati.**"[2].

Huwa indubitat f'dan il-kaz illi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni taz-zewg reati addebitati lill-appellanti. Issa minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti erogat kemm piena ghar-reat tal-oltragg lill-ufficjal pubbliku, kif ukoll ghall-offiza ta' natura hafifa bil-piena tizdied minhabba l-aggravvju ikkontemplat fl-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali. Illi premess t-taghlim gurisprudenzjali hawn fuq iccitat, kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li gew addebitati lill-appellanti, fejn allura huwa kellu jinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Issa r-reat tal-offiza hafifa kif stabbilit fl-artikolu 221(2) tal-Kodici Kriminali igorr piena ta' prigunerija bejn xahrjen u sena billi gie kommess permezz ta' wiehed mill-

[1] Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et – App.Inf. 20/09/2012
[2] ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi – 11/01/1994 App.Sup

mezzi stabbiliti fl-artikolu 217, mentri r-reat ikkontemplat fl-artikolu 95, qabel l-emendi introdotti bl-Att V tal-2014, kien igorr il-piena ghar-reat tal-oltragg jew offiza mizjuda bi grad wiehed, minghajr l-imposizzjoni tal-multa. Issa bl-aggravvju ikkontemplat fl-artikolu 33A, dik il-piena trid terga' tizdied bi grad wiehed jew tnejn. Kwindi l-Ewwel Qorti kellha teroga piena biss ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 u mhux ukoll dak li jikkontempla l-artikolu 221. Ukoll l-imposizzjoni tal-multa ma setghet qatt tigi erogata, bl-artikolu 95 igorr il-piena stabbilit ghar-reat tal-offiza hafifa li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 221(2) tassattivament hija l-piena tal-prigunerija. Illi allura f'dawn ic-cirkostanzi l-piena ta' prigunerija ser tigi ikkonfermata u dan fid-dawl ta' dak hawn fuq stabbilit.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell in parte u tirriforma is-sentenza appellata bil-mod segwenti u cioe' billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hati ta'l-akkuzi lilu addebitati minghajr l-addebitu tar-recidiva, izda tirriforma il-piena inflitta billi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula tikkundanna lill-appellanti ghal piena ta' erba' xhur prigunerija, minghajr l-imposizzjoni tal-multa, li bil-prezenti decizjoni qed tigi imhassra.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur